***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 289 tal-21 ta' Jannar 2020 fuq talba mressqa mill-Onor. Chris Cardona fis-Seduta 288 tal-20 ta' Jannar 2020 dwar Facebook *post* imtella' mill-Onor. Jason Azzopardi fil-5 ta' Jannar 2020**

Is-Sedja tagħmel referenza għal talba għal ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Chris Cardona fis-Seduta 288 tal-20 ta' Jannar 2020 u tikkowta:

> "**ONOR. CHRIS CARDONA:** Sur President, din mhux l-ewwel darba li qed nitolbok tagħmel *ruling* fil-konfront ta' diskors li sar minn Membru Parlamentari – din id-darba mhux hawn ġew, kif għamel qabel, imma barra.
>
> Nagħmel referenza wkoll għal *rulings* li tat is-Sedja kif ukoll għall-artikli 36, 60 u 61 tal-iStanding Orders tal-Parlament Malti. Qed nitlob lis-Sedja tara dak li qal l-Onor. Jason Azzopardi fil-5 ta' Jannar, meta rrefera għal viċenda li skont hu seħħet fil-Parlament f'Ottubru tal-2018. Se nikkwota u se nippreżenta wkoll it-*tape* u nagħmel referenza għad-diskors, parti mid-diskors li ovvjament qed nitlob lis-Sedja li tara:
>
>> "Meta niftakar u nagħmel qrara pubblika" – qal dan – "f'Ottubru mhux tas-sena li għaddiet, ta' qabel araw tiftakrux waqt il-Ħin tal-Mistoqsijiet Joseph Muscat ħdejn dak il-giddieb korrott Chris Cardona jgħajjar lil Simon Busuttil, ara tiftakruhiex...."
>
> u jkompli jagħmel il-priedka tiegħu.
>
> Qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-filmat imxandar fuq il-paġna ta' Facebook tal-Onor. Jason Azzopardi kif ukoll traskrizzjoni tas-silta rilevanti mid-diskors inkwistjoni. Nistieden ġentilment lis-Sedja biex fil-konsiderazzjoni tagħha tagħmel referenza għall-Ordnijiet Permanenti u ċjoè Ordni Permanenti. 36. Ordni Permanenti 36 huwa ċar ħafna u m'għandix dubju li r-*ruling* tiegħek se jirrifletti.
>
> **L-ISPEAKER:** Onor. Cardona, għidli x'qed titlob imbagħad nara jien.
>
> **ONOR. CHRIS CARDONA:** Jien qed nitlob li s-Sedja tagħti *ruling* fuq dak li qal l-Onor. Jason Azzopardi, din id-darba mhux hawn ġew għaliex diġà ... Nagħmel referenza għal *ruling* mogħti minn din is-Sedja, minnek Sur President, f'Seduta numru 145 tas-17 ta' Ottubru 2018 dwar punt imqajjem fil-konfront tiegħi, meta s-Sedja kienet talbet lill-Onor. Jason Azzopardi biex jirtira dak id-diskors u fil-fatt ma rtirahx. Din id-darba qalhom barra. Jiena nifhem il-kompetenza u l-ġurisdizzjoni li għandha din is-Sedja, però nifhem ukoll li ċertu diskors fosthom "giddieb" u "korrott" m'għandhomx jingħadu.
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. Nitolbok tgħaddili d-dokumenti kollha. Ovvjament is-Sedja tagħti *ruling* iktar tard fuq dak li ntalab. L-Onor. Jason Azzopardi.
>
> **ONOR. JASON AZZOPARDI:** Filwaqt li nikkonferma u ma nirtira xejn minn dak li għedt, nistiednu jagħmilli libell.
>
> **L-ISPEAKER:** Dak huwa l-intervent tiegħek, issa nara jien."

Is-Sedja rreferiet għall-filmat li ppreżenta l-Onor. Cardona fejn jidher l-Onor. Jason Azzopardi jindirizza attività politika li fiha qed jgħid dan id-diskors:

> "Meta niftakar – u nagħmel qrara pubblika – f'Ottubru mhux tas-sena li għaddiet, ta' qabel, konna fil-Parlament - ara jekk tiftakrux, waqt il-PQs – u Joseph Muscat, ħdejn dak il-giddieb korrott Chris Cardona, jgħajjar lil Simon Busuttil ... Ara jekk tiftakruhiex, u nistedinkom, taraw il-*clip* bis-*sound* magħluq. Araw il-*body language,* araw il-fomm, u jgħid lil Simon Busuttil: Int frodist, iffalsifikajt il-firem, fuqek niftagħha..."

Kif indikat mill-Onor. Cardona fit-talba tiegħu, is-Sedja rreferiet ukoll għall-*post* tal-Onor. Azzopardi datat 5 ta' Jannar 2020 li fih l-istess Onor. Azzopardi ppubblika l-intervent tiegħu ta' dakinhar filgħodu fejn qed jinstema' jgħid id-diskors hawn fuq riprodott. Fl-istess *post* l-Onor. Azzopardi qed jiddeskrivi dan il-post bil-kliem:

> "L-intervent tiegħi dalgħodu f'Ħal Tarxien".

Is-Sedja rat ukoll dak li ngħad waqt is-Seduta li qed issir referenza għaliha li tifhem li hija dik numru 142 tad-9 ta' Ottubru 2018 fejn qed jingħad dan id-diskors:

> "**ONOR. CHRIS CARDONA:** Dan huwa t-tip ta' mistoqsijiet li għandhom jiġu mistoqsija f'din il-Kamra! (Interruzzjonijiet) Onor. Busuttil, allaħares nitkellmu fuq il-kuntatti tiegħek għax ikollok titlaq 'il bogħod ħafna mill-ġurisdizzjoni tagħna! Mhux mill-Ewropa! Tinħebiex! (Interruzzjonijiet) Tkellmux hekk lill-Prim Ministru! (Għajjat)
>
> **ID-DEPUTY SPEAKER:** Ministru, indirizza lis-Sedja. (Interruzzjonijiet) Jekk jogħġobkom, m'hemmx interruzzjonjiet, għax se jkolli nissospendi l-Kamra.
>
> **ONOR. CHRIS CARDONA:** Imissek tistħi! Sinjura President, waqqaf lill-Onor. Simon Busuttil. (Għajjat)
>
> **ONOR. JOSEPH MUSCAT:** Frodist, dak li int! *You're a fraudster*! (Għajjat)
>
> **ID-DEPUTY SPEAKER:** Se nissospendi l-Kamra.
>
> *Fl-4.27 p.m. il-Kamra ġiet sospiża minħabba diżordi u rriżumiet fl-4.33 p.m.*
>
> **ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-ħin tal-mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għal Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lid-Deputat Prim Ministru Chris Fearne."

Is-Sedja rreferiet għal dak li jgħid l-Ordni Permanenti 36 u tikkonstata li s-Seduta tal-bieraħ kienet l-ewwel okkażjoni li fiha seta' jitqajjem dan il-ksur ta' privileġġ stante li l-pubblikazzjoni fil-Facebook seħħet wara li l-Parlament għalaq għall-ferjat tal-Milied fl-4 ta' Diċembru 2019.

Is-Sedja rreferiet ukoll għal dak li tgħid l-Ordninanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra, Kap. 113, senjatament il-paragrafu 11(4)(j) li jistipula li huwa reat kontra dan l-Att:

"(j) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-Ispeaker jew lil xi Membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala Speaker jew bħala Membru fil-Kamra jew f'kumitat tagħha".

Għaldaqstant:

Wara li fis-seduta tal-bieraħ is-Sedja semgħet lill-Onor. Jason Azzopardi jgħid li qed jikkonferma d-diskors li huwa stess jinstema' jgħid fil-Facebook *post* tiegħu, u ċjoè ta' "giddieb u korrott" fir-rigward ta' Membru tal-Kamra waqt li dan kien qed jaqdi dmiru fil-Kamra;

Wara li l-istess Onor. Azzopardi fl-istess Seduta tal-bieraħ qal li huwa ma hu qed jirtira xejn mill-kummenti li għadda; u

Wara li s-Sedja kkonstatat li bil-kliem ta' "giddieb u korrott" li jinstema' jingħad fil-pubblikazzjoni tal-Facebook *post* mtella' mill-Onor. Jason Azzopardi fil-5 ta' Jannar 2020, l-istess Onor. Azzopardi kien kjarament qed jirreferi għall-Onor. Chris Cardona waqt li l-istess Ministru kien qed jaqdi dmiru fil-Kamra;

Is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li l-pubblikazzjoni tal-Facebook *post* tal-Onor. Azzopardi nhar il-5 ta' Jannar 2020 li dwarha ġiet imressqa din it-talba mill-Onor. Chris Cahardona, jammonta għal *prima facie* ksur ta' privileġġ taħt l-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra. Dan ir-*ruling* qed jingħata mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni legali oħra li l-Onorevoli Membru jħoss li jista' jieħu taħt kull liġi oħra.

Is-Sedja ttenni l-appell tagħha fir-rigward tal-importanza li l-Membri tal-Kamra dejjem juru l-akbar rispett fil-konfront ta' xulxin, anke fl-interventi tagħhom għaliex b'dan il-mod ikunu qed juru rispett lejn l-istituzzjoni tal-Parlament.